MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 327/2009

**Ignazio Anastasi Limited**

**vs**

**Tiziana Farrugia (ID 149784M) u Owen Camenzuli (ID 107487M) ezercitanti negozju Huggicare**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' April 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€555.76) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta`attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2009, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€555.76), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------